A.L. 92 ta' l-2003

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti ta' l-2002 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) - B.A. (Tourism Studies) - u Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-2003 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) - B.A. (Tourism Studies) - u Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies) - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Tourism Studies) - B.A. (Tourism Studies) - u Bachelor of Arts (Honours) (Tourism Studies) - B.A. (Hons) (Tourism Studies) - ippubblikati bħala Avviż Legali 306 ta' l-2002, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li bdew f'Ottubru 2001 jew wara.

Żieda tal-paragrafu (8) mar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

3. Il-paragrafu (8) li ġej għandu jiżdied wara l-paragrafu (7) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali:

"(8) It-taqsimiet studju li jittieħdu flimkien ma' l-studenti tal-Bachelor of Commerce għandhom ikunu valutati skond il-kriterji stabbiliti għall-kors tal-Bachelor of Commerce."